Il-**kwantità** tirreferi għall-kwantità tal-għalla jew l-ekwivalenti espressa bħala żrieragħ li tintuża għall-oġġett tal-bilanċ fl-umdità standard stabbli tas-suq fil-pajjiż.

ANNESS III

ARTIJIET BIL-ĦAXIX

SETT TAD-*DATA* iii.1

Ġestjoni tal-erjas tar-raġħa

Qasam:	b.	Statistika dwar il-produzzjoni tal-għelejjel
Suġġett:	iii.	Artijiet bil-ħaxix
Suġġett dettaljat:	iii.1	Ġestjoni tal-artijiet bil-ħaxix

TAQSIMA I

Kontenut tad-data

Id-*data* għandha tkopri l-erjas tal-artijiet bil-ħaxix permanenti u temporanji klassifikati skont l-età, il-kopertura u l-ġestjoni fl-Istati Membri matul il-perjodu ta' referenza.

		Erja totali	Li ġew ġestiti	Ġestiti, li minnhom huma ffertilizzati
Skadenza għat-trażmissjoni tad-*data*		it-30 ta' Settembru tas-sena N+1		
Karatteristiċi tal-għelejjel				
Art bil-ħaxix permanenti (20 sena u aktar)		MA, MAR	MA	MA
Art bil-ħaxix permanenti (bejn 11 u 19-il sena)		MA, MAR	MA	MA
Art bil-ħaxix permanenti (bejn 6 u 10 snin)		MA, MAR	MA	MA
Ħaxix u raġħi temporanji		MA, MAR		
	Età bejn sena u tliet snin	MA, MAR		
	Età bejn 4 u 5 snin	MA, MAR		
Parti mit-total tal-artijiet bil-ħaxix permanenti				
	Siġar/kopertura tal-arbuxelli	MA, MAR		
	Erjas agroforestali ġestiti	MA, MAR		

Unitajiet tal-kejl

MA = erja prinċipali totali (1 000 ha)

MAR = erja ewlenija fil-livell reġjonali

Frekwenza: Snin li jintemmu b'0, 3 jew 6

Perjodu ta' referenza: Sena kalendarja

TAQSIMA II

Deskrizzjoni tal-unitajiet tal-kejl

Erja prinċipali: ara s-sett tad-*data* i.1

ANNESS IV

REKWIŻITI TA' PREĊIŻJONI

Id-*data* miġbura għal kampjun u estrapolata għall-popolazzjoni statistika kollha ta' sett tad-*data* għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni ppreżentati fit-Tabella 1.

Ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni japplikaw għat-trażmissjoni finali tal-istimi nazzjonali għal varjabbli speċifiċi li jappartjenu għas-settijiet tad-*data* elenkati fit-Tabella 1.

Il-varjabbli jirreferu għall-erjas ewlenin fil-livell nazzjonali.

Il-popolazzjonijiet rilevanti huma ddefiniti fl-ewwel kolonna tat-Tabella 1.

Tabella 1.

Rekwiżiti ta' preċiżjoni

Popolazzjoni rilevanti	Fatturi varjabbli li għalihom japplikaw rekwiżiti ta' preċiżjoni	Standard ta' żball relattiv
Sett tad-*data*: Għelejjel li jinħartu u art bil-ħaxix permanenti		
L-azjendi agrikoli bil-varjabbli rilevanti	— Erjas ewlenin ta' ċereali għall-produzzjoni tal-ħbub	3 %
	— Erjas ewlenin tal-bus u l-ħemes imnixxfa u tal-għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħbub	
	— Erjas ewlenin tal-għelejjel tal-għeruq	
	— Erjas ewlenin tal-għelejjel industrijali	
	— Erjas ewlenin tal-pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba' li jinħadem	
	— Erjas ewlenin tal-art bil-ħaxix permanenti	
Sett ta' *data*: Ortikultura għajr l-għelejjel permanenti		
L-azjendi agrikoli bi produzzjoni tal-ortikultura minbarra l-għelejjel permanenti.	— Erjas ewlenin ta' ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli	3 %
Sett tad-*data*: Għelejjel permanenti		
L-azjendi agrikoli b'għelejjel permanenti.	— Erjas ewlenin tal-għelejjel permanenti	3 %

ANNESS V

DESKRIZZJONIJIET

Sena tal-ħsad	Is-sena kalendarja li fiha jibda l-ħsad, inkluż il-perjodu li matulu jittieħdu l-miżuri preparatorji kollha (bħall-ħdim tar-raba', it-tħawwil, u l-applikazzjoni ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti) biex jiġi żgurat dak il-ħsad, anki matul is-sena kalendarja preċedenti.

Erja agrikola utilizzata esklużi l-ġonna kulinari	L-erja totali meħuda minn raba' li jinħadem, art bil-ħaxix permanenti, u għelejjel permanenti.
Raba' li jinħadem	Art maħduma (maħruta jew magħżuqa) u/jew imħawla regolarment, ġeneralment bħala parti minn sistema ta' newba tal-għelejjel.
Għelejjel tax-xitwa	Għelejjel miżrugħa qabel jew matul ix-xitwa.
Għelejjel tar-rebbiegħa	Għelejjel miżrugħa fir-rebbiegħa.
Ċereali għall-produzzjoni tal-ħbub (inkluża ż-żerriegħa)	Iċ-ċereali kollha li jinħasdu niexfa għall-ħbub, irrispettivament mill-użu.
Qamħ u farru	*Triticum aestivum* L. emend. Fiori et Paol., *Triticum spelta* L., *Triticum monococcum* L, u *Triticum durum* Desf.
Qamħ komuni u farru	*Triticum aestivum* L. emend. Fiori et Paol., *Triticum spelta* L. u *Triticum monococcum* L. u speċijiet oħra tal-familja tat-*Triticum* imkabbra għall-kwalitajiet simili.
Qamħ durum	*Triticum durum* Desf.
Segala	*Secale cereale* L.
Taħlitiet ta' ċereali tax-xitwa (maslin)	Taħlitiet ta' segala u ċereali oħra u taħlitiet ta' ċereali oħra miżrugħa qabel jew matul ix-xitwa (maslin).
Xgħir	*Hordeum vulgare* L.
Ħafur	*Avena sativa* L.
Taħlitiet taċ-ċereali tar-rebbiegħa (ħbub imħallta minbarra l-maslin)	Ċereali miżrugħa fir-rebbiegħa u mkabbra bħala taħlitiet.
Żerriegħa tal-qamħirrum u taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum	*Zea mays* L., maħsud għall-ħbub, bħala żerriegħa jew bħala taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum
Tritikal	*x Triticoseciale* Wittmack.
Sorgu	*Sorghum bicolor* (L.) Conrad Moench jew *Sorghum x sudanense* (Piper) Stapf.
Ross	*Oryza sativa* L.
Ross *Indica*	*Oryza sativa* ssp. indica
Ross *Japonica*	*Oryza sativa* ssp. japonica
Ċereali oħra mhux klassifikati band'oħra	Ċereali, li jinħasdu niexfa għall-ħbub, u li ma humiex irreġistrati band'oħra taħt il-punti preċedenti, bħall-millieġ (*Panicum miliaceum* L.), l-iskalora (*Phalaris canariensis* L.) u ċereali oħra mhux klassifikati band'oħra.
Psewdoċereali	Pjanti li jipproduċu l-frott jew iż-żrieragħ, li jintużaw u jiġu kkonsmati bħala ħbub, għalkemm botanikament la huma ħaxix u lanqas ħbub taċ-ċereali veri.
Qamħ saraċin	*Fagopyrum esculentum* Mill.
Kinoa	*Chenopodium quinoa* Willd.

Psewdoċereali oħrajn mhux klassifikati band'oħra	Psewdoċereali mhux klassifikati band'oħra.
Bus u ħemes imnixxfa u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħbub	Il-bus l- ħemes imnixxfa kollha u l-għelejjel kollha li fihom il-proteini li jinħasdu niexfa għall-ħbub, irrispettivament mill-użu.
Piżelli tal-għelieqi	Il-varjetajiet kollha tal-piżelli tal-għelieqi (*Pisum sativum* L. convar. *sativum* jew *Pisum sativum* L. convar. *arvense* L. jew convar. *speciosum*) maħsuda niexfa.
Ful u fażola tal-għelieqi	Il-varjetajiet kollha ta' ful jew fażola tal-għelieqi (*Vicia faba* L. (partim)) maħsuda niexfa.
Lupini ħelwin	Il-lupini ħelwin kollha (*Lupinus* sp.) maħsuda niexfa għall-ħabba.
Għads	*Lens culinaris* Medikus.
Ċiċri	*Cicer arietinum* L.
Ġulbiena	*Vicia sativa subsp. Sativa L.* maħsuda niexfa għall-ħabba.
Legumi mnixxfin u għelejjel tal-proteini oħrajn mhux klassifikati band'oħra	Bus u ħemes imnixxfa u għelejjel li fihom il-proteini maħsuda niexfa għall-ħbub, li mhumiex irreġistrati xi mkien ieħor taħt l-oġġetti preċedenti.
Għelejjel tal-għeruq	Għelejjel ikkultivati għall-għeruq, it-tuberu jew iz-zokk modifikat tagħhom. Dan il-punt jeskludi l-ħxejjex tal-għeruq, tat-tuberi u tal-basla, bħaz-zunnarija, il-pitravi jew il-kolza, fost oħrajn.
Patata (inkluża l-patata taż-żrigħ)	*Solanum tuberosum* L.
Pitrava zokkrija (minbarra ż-żerriegħa)	*Beta vulgaris* L. *subsp. vulgaris var. altissima* Döll, prinċipalment maħsuba għall-industrija taz-zokkor u għall-produzzjoni tal-alkoħol.
Għelejjel oħra tal-għeruq mhux klassifikati band'oħra	Pitravi tal-għalf (*Beta vulgaris* L.) u pjanti tal-familja *Brassicae* li jinħasdu prinċipalment għall-għalf tal-annimali, irrispettivament minn jekk huwiex l-għerq jew iz-zokk, u pjanti oħra kkultivati prinċipalment għall-għeruq tagħhom għall-foraġġ, li mhux klassifikati band'oħra.
Għelejjel industrijali	Għelejjel li normalment ma jinbigħux direttament għall-konsum għaliex jeħtieġ li jiġu pproċessati b'metodi industrijali qabel l-użu finali.
Żrieragħ żejtnin	Għelejjel imkabbra prinċipalment għall-kontenut taż-żejt tagħhom.
Lift u żrieragħ tal-lift tan-nevew	Rapa (*Brassica napus* L.) u rapa tan-nevew (*Brassica rapa* L. var. *oleifera* (Lam.)) imkabbra għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala ħbub imnixxfa.
Żerriegħa tal-ġirasol	*Helianthus annuus* L., maħsuda bħala ħbub nexfin.
Sojja	*Glycine max* L. Merril, maħsuda bħala ħbub nexfin, irrispettivament mill-użu.
Żerriegħa tal-kittien (kittien taż-żejt)	Varjetajiet (tal-kittien) taż-żerriegħa tal-kittien (*Linum usitatissimum* L.), prinċipalment imkabbra għall-produzzjoni taż-żejt u li jinħasdu bħala ħbub nexfin.
Għelejjel ta' żrieragħ żejtnin oħra mhux klassifikati band'oħra	Għelejjel oħra mkabbra l-aktar għall-kontenut tagħhom ta' żejt, maħsuda bħala qamħ niexef, li mhux klassifikati band'oħra.
Għelejjel tal-fibra	Għelejjel imkabbra prinċipalment għall-kontenut tal-fibra tagħhom.
Fibra tal-kittien	Varjetajiet tal-kittien (żerriegħa tal-kittien) (*Linum usitatissimum* L.), imkabbra prinċipalment għall-produzzjoni tal-fibra.
Qanneb	*Cannabis sativa* L. imkabbar għat-tiben u għal użi industrijali simili oħra.
Qoton	*Gossypium spp.*, maħsud għall-użu tal-fibra u/jew taż-żrieragħ żejtnin.

Għelejjel tal-fibra oħra mhux klassifikati band'oħra	Pjanti oħra mkabbra prinċipalment għall-kontenut tal-fibra tagħhom, mhux klassifikati band'oħra, bħal ġuta (*Corchorus capsularis* L.), abaca alias manila (*Musa textilis* Née), sisal (*Agave sisalana* Perrine), u kenaf (*Hibiscus cannabinus* L.).
Tabakk	*Nicotiana tabacum* L. imkabbar għall-weraq
Ħops	*Humulus lupulus* L. imkabbar għall-koni.
Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji	Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji, ikkultivati għal finijiet farmaċewtiċi, għall-manifattura tal-fwieħa jew għall-konsum mill-bniedem.
Għelejjel għall-enerġija mhux klassifikati band'oħra	Għelejjel li jintużaw esklużivament għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li mhux klassifikati band'oħra, u li jiġu kkultivati fuq raba' li jinħadem.
Għelejjel industrijali oħra mhux klassifikati band'oħra	Għelejjel industrijali oħra mhux klassifikati band'oħra.
Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba' li jinħadem	L-għelejjel kollha mir-raba' li jinħadem li jinħasdu fi stadju bikri u li huma intenzjonati prinċipalment għall-għalf tal-annimali, għall-foraġġ jew għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, jiġifieri ċereali, ħxejjex, pjanti leguminużi jew industrijali, u għelejjel oħra f'raba' li jinħadem li jinħasdu u/jew jintużaw fi stadju bikri.
Ħaxix u ragħi temporanji	Pjanti tal-ħaxix għar-ragħa, ħuxlief jew silaġġ inklużi bħala parti min-newba tal-għelejjel normali, li jdumu mill-inqas sena u normalment inqas minn ħames snin, miżrugħa mal-ħaxix jew mat-taħlitiet tal-ħaxix.
Pjanti leguminużi li jinħasdu fi stadju bikri	Pjanti leguminużi mkabbra u li jinħasdu fi stadju bikri bħala l-pjanta sħiħa, prinċipalment għall-foraġġ jew għall-użu tal-enerġija. Huma inklużi taħlitiet ta' għelejjel u pjanti tal-ħaxix prinċipalment leguminużi (normalment > 80 % tal-legumi), li jinħasdu fi stadju bikri jew bħala ħuxlief imnixxef.
Nifel	*Medicago spp*. ikkultivat waħdu jew b'perċentwal għoli f'taħlita.
Taħlitiet ta' ħaxix legumi	Art bil-ħaxix temporanju miżrugħa b'taħlita ta' ħaxix u legumi tal-foraġġ (normalment < 80 % tal-legumi), maħsuda fi stadju bikri jew bħala ħuxlief imnixxef.
Pjanti leguminużi oħrajn li jinħasdu fi stadju bikri mhux klassifikati band'oħra	Pjanti eguminużi oħra maħsuda fi stadju bikri prinċipalment għall-foraġġ, jew għall-użu tal-enerġija.
Qamħirrum aħdar	*Zea mays* L.) imkabbar prinċipalment għas-silaġġ (ċifċiegħa sħiħa, partijiet mill-pjanta jew il-pjanta kollha) u li ma jinħasdux għall-ħbub.
Ċereali oħra li jinħasdu fi stadju bikri (minbarra l-qamħirrum aħdar)	Iċ-ċereali kollha (minbarra l-qamħirrum) imkabbra u li jinħasdu fi stadju bikri bħala l-pjanta sħiħa biex jintużaw għall-foraġġ jew għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (produzzjoni tal-bijomassa).
Pjanti oħra li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba' li jinħadem mhux klassifikati band'oħra	Għelejjel annwali jew pluriennali oħra (inqas minn ħames snin) prinċipalment intenzjonati għall-foraġġ tal-annimali u li jinħasdu fi stadju bikri. Inkluż x'jifdal minn għelejjel mhux klassifikati band'oħra meta l-ħsad prinċipali jkun inqered, iżda r-residwi jkunu għadhom jistgħu jintużaw (bħala foraġġ jew enerġija rinnovabbli).
Żrieragħ u nebbieta	Erjas li jipproduċu żrieragħ tal-għelejjel tal-għeruq (minbarra patata u pjanti oħra fejn l-għeruq jintużaw ukoll bħala żrieragħ), għelejjel għall-foraġġ, ħaxix, għelejjel industrijali (minbarra żrieragħ żejtnin) u żrieragħ u nebbieta ta' ħxejjex u fjuri.
Raba' mistrieħ	Raba' li jinħadem jew inkluż fis-sistema tan-newba tal-għelejjel jew inkella miżmum f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT), kemm jekk maħdum jew le, iżda li ma jkunx se jinħasad għad-durata ta' sena taż-żrigħ. Il-karatteristika essenzjali tar-raba' mistrieħ hija li jitħalla jirkupra, normalment għal sena taż-żrigħ sħiħa. Raba' mistrieħ jista' jkun:

	(i) raba' vojt li ma jkollu ebda għalla fih; jew (ii) raba' bi tkabbir naturali spontanju, li jista' jintuża għall-għalf jew jinħarat; jew (iii) raba' miżrugħ esklussivament għall-produzzjoni tad-demel aħdar (raba' mistrieħ aħdar).
Għelejjel oħra f'raba' li jinħadem mhux klassifikati band'oħra	Għelejjel li jinħartu mhux klassifikati band'oħra
Art bil-ħaxix permanenti	Art li tintuża b'mod permanenti (għal diversi snin konsekuttivi, normalment ħames snin jew aktar) biex jitkabbru għalf erbaċew, foraġġ jew għelejjel għall-finijiet ta' enerġija, permezz tal-kultivazzjoni (miżrugħa) jew b'mod naturali (jitilgħu waħidhom), u li mhijiex inkluża fin-newba tal-għelejjel fl-azjenda agrikola. L-art bil-ħaxix tista' tintuża għar-ragħa, tinħasad għas-silaġġ u għall-ħuxlief, jew tintuża għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
Bwar u mergħa permanenti, esklużi ragħi mhux ikkultivati	Bwar permanenti fuq ħamrija ta' kwalità tajba jew medja, li normalment jistgħu jintużaw għar-ragħa intensiv.
Ragħi permanenti mhux ikkultivati	Art bil-ħaxix permanenti li trendi ftit, normalment fuq ħamrija ta' kwalità baxxa, pereżempju fuq għoljiet jew f'altitudnijiet għolja, normalment mhux megħjuna minn fertilizzanti, kultivazzjoni, żrigħ mill-ġdid jew drenaġġ. Dawn l-erjas normalment jistgħu jintużaw biss għar-ragħa estensiv u normalment ma jinħasdux, jew inkella jinħasdu b'mod estensiv billi ma jistgħux jappoġġaw densità kbira ta' annimali.
Art bil-ħaxix permanenti li ma għadhiex tintuża għal finijiet tal-produzzjoni u eliġibbli għall-pagament tas-sussidji	Art bil-ħaxix u mergħat permanenti li ma għadhomx jintużaw għall-finijiet tal-produzzjoni u li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew, fejn applikabbli, mal-aktar leġiżlazzjoni reċenti, huma miżmuma fi stat li jagħmilhom adattati għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr azzjoni preparatorja li tmur lil hinn mill-użu tal-metodi agrikoli u l-makkinarju tas-soltu, u li huma eliġibbli għal appoġġ finanzjarju.

Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli	Il-brassika kollha, il-ħxejjex bil-weraq u biz-zkuk, il-ħxejjex ikkultivati għall-frott, il-ħxejjex bl-għeruq, bit-tuberi u bil-basla, il-bus u l-ħemes friski, ħxejjex oħra maħsuda friski (mhux nexfin) u frawli. Dan jirreferi kemm għall-ħxejjex kif ukoll għall-frawli mkabbra fuq art li tinħadem fuq barra bin-newba ma' għelejjel agrikoli jew ortikulturali oħra u għal dawk imkabbra b'kopertura tal-ħġieġ jew aċċessibbli għolja.
Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ)	Il-brassika, il-ħxejjex bil-weraq u biz-zkuk, il-ħxejjex ikkultivati għall-frott, il-ħxejjex tal-għeruq, tat-tuberi u tal-basla, bus u ħemes friski u ħxejjex oħra maħsuda friski (mhux nexfin), kollha.
Brassika	Il-brassika kollha kkultivata għall-weraq, iz-zkuk, l-inflorexxenza, il-blanzuni kif ukoll il-ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi, maħsuda friski (mhux nexfin).
Pastard u brokkli	Tinkludi l-Pastard (*Brassica oleracea* L. convar. *Botrytis* (L.)), Brokkoli (*Brassica oleracea* L. var. *botrytis* subvar. *cymos*), Fjura tal-brokkli (varjetà ħadra ta' pastard), Brokkolini, brokkli Ċiniżi, kaboċċa Ċiniża jew kailaan (ibridu ta' brokkli u gai lan (*Brassica oleracea* L. var. *alboglabra*)), brokkli Romanesco (*Brassica oleracea* convar. *Botrytis* var. *botrytis*).
Kaboċċi ta' Brussell	*Brassica oleracea* L. var. *Gemmifera* DC.
Kaboċċi	Tinkludi l-Kaboċċa Kkapoċċata (*Brassica oleracea* L. var. *oleracea*), Kaboċċa ppuntata (*Brassica oleracea* L. convar. *capitata* Alef. var. *alba* DC), Kaboċċa ħamra (*Brassica oleracea* L. convar. *capitata* Alef. var. *capitata* L. f. *rubra*), Kaboċċa mfelfla (savoy) (*Brassica oleracea* L. convar. *capitata* Alef. var. *sabauda* L.).

Brassika oħra mhux klassifikati band'oħra	Il-brassika l-oħra kollha mhux klassifikati band'oħra.
Ħxejjex bil-weraq u biz-zkuk (eskluża l-brassika)	Il-ħxejjex kollha bil-weraq u biz-zkuk (minbarra l-brassika) kurrat, karfus, ħass, indivja, spinaċi, spraġ, ċikwejra, qaqoċċ u ħxejjex oħra bil-weraq jew biz-zkuk.
Kurrat	*Allium porrum* L u speċijiet oħra tal-familja *Allium* imkabbra għal kwalitajiet simili.
Karfus	*Apium graveolens* var. *Dulce* (Mill.) Pers.
Ħass	*Lactuca spp*.
Indivja	Indivja (*Cichorium endivia* L. var. *crispum* Lam.) u skalora (*Cichorium endivia* L. var. *latifolium* Lam.).
Spinaċi	*Spinacia oleracea* L.
Spraġ	*Asparagus officinalis* L.
Ċikwejra	Varjetajiet taċ-ċikwejra (*Cichorium intybus* L.) għall-insalata u għall-ipproċessar tal-inulina jew tal-kafè.
Qaqoċċ	*Cynara scolymus* L.
Ħxejjex oħra bil-weraq jew biz-zkuk mhux klassifikati band'oħra	Ħxejjex oħra bil-weraq jew biz-zkuk mhux klassifikati band'oħra.
Ħxejjex ikkultivati għall-frott (inkluż il-bettieħ)	Il-ħxejjex kollha kkultivati għall-frott: it-tadam, il-ħjar, il-ħjar tal-pikles, il-brunġiel, iz-zukkini u l-qarabagħli, il-qargħa u l-qargħa ħamra, il-bettieħ ta' Spanja u d-dulliegħ, il-bżar (*Capsicum spp*.) u ħxejjex oħra kkultivati għall-frott.
Tadam	It-tadam kollu (*Solanum lycopersicon* L. Syn. *Lycopersicon lycopersicum* (L.) H. Karst. Syn. *Lycopersicon esculentum* Mill.).
Ħjar u ħjar tal-pikles	Il-ħjar (*Cucumis sativus* L.), inklużi l-kultivari speċifiċi li ġeneralment jintużaw għall-ħjar tal-pikles. Il-ħjar tal-pikles tal-Antilli u l-ħjar tal-pikles (*Cucumis anguria* L.) huma inklużi.
Brunġiel	*Solanum melongena* L.
Zukkini u qarabagħli	Varjetajiet ta' zukkini u qarabagħli (*Cucurbica pepo* L. ssp.*Pepo*).
Qargħa u qargħa ħamra	Varjetajiet tal-qargħa (*Cucurbita moschata* Duchesne) u qargħa ħamra (*Curcubica maxima* spp.) maħsuba għall-konsum mill-bniedem.
Bettieħ ta' Spanja	*Cucumis melo* L.
Dulliegħ	*Citrullus lanatus* (Thunb.) Matsum. u Nakai.
Bżar (*capsicum*)	Il-bżar (ħelu) kollu (*Capsicum annuum* L.) u l-bżar aħmar (*Capsicum frutescens* L.).
Ħxejjex oħra kkultivati għall-frott mhux klassifikati band'oħra	Ħxejjex oħra kkultivati għall-frott għall-konsum mill-bniedem, mhux klassifikati band'oħra.
Ħxejjex tal-għeruq, tat-tuberi u tal-basla	Il-ħxejjex tal-għeruq, tat-tuberi u tal-basla kollha: zunnarija, basal, xalotti, pitravi, karfusa liftija, ravanell, tewm u ħxejjex oħra tal-għeruq, tat-tuberi u tal-basal.
Zunnarija	*Daucus carota* L. ssp. *sativus* (Hoffm.) Hayek.
Basal u xalotti	Basal komuni (*Allium cepa* L.), kurrat selvaġġ b'weraq wiesa' (*Allium ampeloprasum* L.), basla tal-għenieqed (*Allium fistulosum* L.) u xalotti (*Allium ascalonicum* L.) u speċijiet oħra tal-familja *Allium* imkabbra għal kwalitajiet simili.
Pitravi	*Beta vulgaris* L. var. *conditiva* Alef.

Karfusa liftija	*Apium graveolens* L. var. *rapaceum*.
Ravanell	Ir-ravanell kollu (*Raphanus sativus* L.), li jinħasad u jintuża bħala ħxejjex.
Tewm	*Allium sativum* L.
Ħxejjex oħra tal-għeruq, tat-tuberi u tal-basla mhux klassifikati band'oħra.	Ħxejjex tal-għeruq, tat-tuberi u tal-basla għall-konsum mill-bniedem, mhux klassifikati band'oħra.
Bus u ħemes friski	Il-bus u l-ħemes frisk kollu, bħal piżelli, fażola, u bus u ħemes frisk ieħor għall-konsum mill-bniedem.
Piżelli friski	Il-piżelli kollha *Pisum sativum* L. (*partim*)) maħsuda friski għall-konsum mill-bniedem.
Fażola friska	Fażola komuni u fażola ta' Spanja (*Phaseolus spp*.) u fażola mung, fażola tal-għajn u fażola urad (*Vigna spp*.) maħsuda friska għall-konsum mill-bniedem.
Bus u ħemes friski oħra mhux klassifikati band'oħra	Bus u ħemes friski għall-konsum mill-bniedem lmhux klassifikati band'oħra.
Ħxejjex friski oħra mhux klassifikati band'oħra	Il-ħxejjex friski l-oħra kollha għall-konsum mill-bniedem mhux klassifikati band'oħra.
Frawli	*Fragaria spp*.
Fjuri u pjanti ornamentali (eskluż l-mixtliet)	Il-fjuri u l-pjanti ornamentali kollha maħsuba biex jinbiegħu bħala fjuri maqtugħa, bħala fjuri u pjanti fi qsari, għat-thawwil u għall-gallariji u bħala fjuri bil-basla u bil-basla tuberuża u pjanti ornamentali oħra.
Faqqiegħ kultivat	Faqqiegħ kultivat imkabbar f'binjiet li nbnew jew ġew adattati apposta għal dak l-iskop, kif ukoll f'postijiet taħt l-art, għerien u kantini.
Faqqiegħ champignons	Faqqiegħ tal-mejda (*Agaricus bisporus* L.).
Faqqiegħ ikkultivat ieħor mhux klassifikat band'oħra	Faqqiegħ ikkultivat ieħor mhux klassifikat band'oħra.

Għelejjel permanenti	Is-siġar tal-frott kollu, is-siġar tal-frott taċ-ċitru kollu, is-siġar tal-lewż kollu, il-pjantaġġuni tal-frott artab kollha, il-vinji kollha, is-siġar taż-żebbuġ kollha u l-għelejjel permanenti l-oħra kollha li jintużaw għall-konsum mill-bniedem (eż. te, kafè jew ħarrub) u għal finijiet oħra (eż. mixtliet, siġar tal-Milied jew pjanti għall-immaljar u l-insiġ bħar-rattan jew il-bambù).
Għelejjel permanenti għall-konsum mill-bniedem	Is-siġar kollha tal-frott, is-siġar kollha tal-frott taċ-ċitru, is-siġar kollha tal-ġewż, il-pjantaġġuni kollha tal-frott artab, il-vinji kollha, is-siġar kollha taż-żebbuġ u l-għelejjel permanenti l-oħra kollha li jintużaw għall-konsum mill-bniedem (eż. it-tè, il-kafè jew il-ħarrub).
Frott, frott artab u ġewż (eskluż l-frott taċ-ċitru, l-għeneb u l-frawli)	Ġonna tal-frott taż-żerriegħa, frott tal-għadma, frott artab, ġewż u frott minn żoni klimatiċi tropikali u subtropikali.
Frott minn żoni klimatiċi moderati	Ġonna tal-frott taż-żerriegħa, frott tal-għadma, frott artab u ġewż, eskluż il-frott minn żoni klimatiċi tropikali u subtropikali.
Frott taż-żerriegħa	Frott taż-żerriegħa kollu bħal tuffieħ (*Malus spp*.), lanġas (*Pyrus spp*.), sfarġel (*Cydonia oblonga* Mill.) jew naspli (*Mespilus germanica*, L.).
Tuffieħ	*Malus pumila* Miller syn. *Malus domestica* (Borkh.) Borkh.
Lanġas	*Pyrus communis* L.

Frott taż-żerriegħa ieħor mhux klassifikat band'oħra	Frott taż-żerriegħa mhux klassifikat band'oħra.
Frott tal-għadma	Frott tal-għadma, bħal ħawħ u nuċiprisk (*Prunus persica* (L.) Batch), berquq (*Prunus armeniaca* L. u oħrajn), ċirasa ħelwa u qarsa (*Prunus avium* L., P. *cerasus*), għanbaqar (*Prunus domestica* L. u oħrajn) u xi frott tal-għadma ieħor mhux klassifikat band'oħra, bħal prun selvaġġ (*Prunus spinosa* L.) jew naspli (*Eriobotrya japonica* (Thunb.) Lindl.).
Ħawħ	*Prunus persica* (L.) Batch.
Nuċiprisk	*Prunus persica* (L.) Batsch. var. *nucipersica*.
Berquq	*Prunus armeniaca* L.
Ċirasa	Ċirasa ħelwa (*Prunus avium* L.) u ċirasa qarsa (*Prunus cerasus* L.)
Ċirasa ħelwa	*Prunus avium* L.
Ċirasa qarsa	Prunus cerasus L.
Għanbaqar	*Prunus domestica* L.
Frott tal-għadma ieħor mhux klassifikat band'oħra	Frott tal-għadma mhux klassifikat band'oħra.
Frott minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali	Il-frott kollu minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali bħat-tin (*Ficus carica* L.), il-kiwi (*Actinidia chinensis* Planch.), l-avokado (*Persea americana* Mill.) u l-banana (*Musa spp*.).
Tin	Ficus carica L.
Kiwi	*Actinidia chinensis* Planch.
Avokado	*Persea americana* Mill.
Banana	*Musa spp*.
Frott ieħor minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali mhux klassifikat band'oħra	Frott minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali mhux klassifikat band'oħra
Frott artab (eskluż il-frawli)	Il-frott artab ikkultivat kollu bħar-ribes iswed (*Ribes nigrum* L.), ir-ribes aħmar (*Ribes rubrum* L.), il-lampun (*Rubus idaeus* L.) u l-mirtill (*Vaccinium corymbosum* L.).
Mirtill	*Ripes nigrum* L.
Ribes aħmar	*Ribes rubrum* L., inkluż ukoll il-varjant abjad.
Lampun	*Rubus idaeus* L.
Mirtill	*Vaccinium corymbosum* L.
Frott artab ieħor mhux klassifikat band'oħra	Frott artab ieħor mhux klassifikat band'oħra.
Ġewż	Is-siġar kollha tal-ġewż: ġewż tal-Indja, ġellewż, lewż, qastan u ġewż ieħor.
Ġewż tal-Indja	*Juglans regia* L.
Ġellewż	*Corylus avellana* L.
Lewż	*Prunus dulcis* (Mill.) D.A.Webb.
Qastan	*Castanea sativa* Mill.
Ġewż ieħor mhux klassifikat band'oħra	Ġewż mhux klassifikat band'oħra.
Frott taċ-ċitru	Frott taċ-ċitru (*Citrus spp*..): laringġ, frott żgħir taċ-ċitru, lumi, xkomp, pomelos, grejpfrut u frott taċ-ċitru ieħor.

Lariną	Lariną, inklużi varjetajiet taż-żokra, bojod u tad-demm (*Citrus sinensis* (L.) Osbeck) u Lariną Morr (Citrus aurantium L.).
Frott żgħir taċ-ċitru	Il-frott żgħir taċ-ċitru kollu.
Klementini	*Citrus x clementina*.
Satsumi	*Citrus unshiu* var. *owari, clausellina, planellina*, eċċ.
Frott żgħir taċ-ċitru ieħor u ibridi tal-mandolina mhux klassifikat band'oħra	Il-frott żgħir taċ-ċitru l-ieħor kollu mhux klassifikat band'oħra.
Lumi u xkomp aċiduż	*Citrus limon* (L.) Burm.f., *C. jambhiri* Lush., *C. meyeri* Yu. Tanaka, *C. pseudolimon* Tanaka jew ibridi ma' waħda minn dawn bħala ġenitur.
Pomelo u grejpfrut	Pomelo (*Citrus maxima* (Merr., Burm. f.)) u grejpfut (*Citrus paradisi* (Macfad.)).
Frott ieħor taċ-ċitru mhux klassifikat band'oħra	Frott taċ-ċitru mhux klassifikat band'oħra.
Għeneb	*Vitis vinifera* L., użat għall-finijiet kollha.
Għeneb għall-inbejjed	Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' meraq, most u/jew inbid.
Għeneb għall-inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)	Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni protetta ta' oriġini li huma konformi mar-rekwiżiti (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 491/2009 jew, fejn applikabbli, mal-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) mar-regoli nazzjonali korrispondenti.
Għeneb għall-inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)	Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta li huma konformi mar-rekwiżiti (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 491/2009 jew, fejn applikabbli, mal-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) mar-regoli nazzjonali korrispondenti.
Għeneb għal inbejjed oħra mhux klassifikati band'oħra (minbarra DOP/IĠP)	Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' nbejjed għajr inbejjed DOP u IĠP.
Għeneb għall-ikel	Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' għeneb frisk.
Għeneb għaż-żbib	Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni taż-żbib.
Għeneb għal skopijiet oħra mhux klassifikat band'oħra	Varjetajiet ta' għeneb għal skopijiet oħra mhux klassifikati band'oħra (mhux għall-inbid, għall-meraq, għall-most, għall-użu fuq il-mejda jew għaż-żbib).
Żebbuġ	Siġar taż-żebbuġ (*Olea europea* L.) imkabbra għall-produzzjoni taż-żebbuġ.
Żebbuġ għall-użu fuq il-mejda	Siġar taż-żebbuġ għall-produzzjoni taż-żebbuġ tal-mejda.
Żebbuġ għaż-żejt	Siġar taż-żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.
Għelejjel permanenti oħra għall-konsum mill-bniedem mhux klassifikati band'oħra	Għelejjel permanenti għall-konsum mill-bniedem mhux klassifikati band'oħra.
Mixtliet	Erjas fejn il-pjanti tal-għuda li għadhom żgħar (tal-injam) jitkabbru fil-miftuħ biex wara jinqalgħu u jitħawlu banda oħra.
Għelejjel permanenti oħra	Għelejjel permanenti mhux klassifikati band'oħra, pjanti għall-immaljar u għall-insiġ (normalment maħsuda kull sena) u siġar imħawla bħala siġar tal-Milied fl-erja agrikola utilizzata.

Bilanċi tal-għelejjel

Prodotti tal-ewwel livell	Prodotti li jirriżultaw mill-ewwel ipproċessar ta' prodott tal-għelejjel mhux ipproċessat fl-istadju inizjali tiegħu, bħad-dqiq.
Telf u ħela fl-azjendi agrikoli	Telf li jseħħ wara l-ħsad, jiġifieri waqt il-ħżin jew waqt it-tħejjija għall-bejgħ, eż. is-separazzjoni.
Importazzjonijiet intra-UE	Il-volum tal-importazzjonijiet intra-UE tal-prodotti tal-għelejjel.
Importazzjonijiet barra l-UE	Il-volum tal-importazzjonijiet barra l-UE tal-prodotti tal-għelejjel.
Stokk tal-ftuħ	Il-prodotti kollha tal-għelejjel (ċereali u żrieragħ żejtnin f'ekwivalenti ta' ħbub) disponibbli fir-razzett jew fis-suq fil-bidu tas-sena tas-suq tal-għelejjel (l-1 ta' Lulju tas-sena N).
Stokk tal-għeluq	Il-prodotti kollha tal-għelejjel (ċereali u żrieragħ żejtnin f'ekwivalenti ta' ħbub) disponibbli fl-istokk fi tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni tal-għelejjel (it-30 ta' Ġunju tas-sena N+1) li hija ugwali għall-istokk tal-ftuħ tal-perjodu ta' referenza li jmiss.
Użi domestiċi	It-total tal-użi kollha possibbli tal-prodotti tal-għelejjel (eskluż l-esportazzjonijiet u l-istokk finali) fiż-żona ta' referenza matul il-perjodu ta' referenza.
Użi domestiċi - konsum mill-bniedem	Il-kwantitajiet ta' prodotti tal-għelejjel mhux ipproċessati jew ipproċessati użati għall-konsum mill-bniedem fiż-żona ta' referenza u fil-perjodu ta' referenza, eskluż l-kwantitajiet ta' żrieragħ żejtnin użati għat-tgħaffiġ għaż-żjut għall-konsum mill-bniedem.
Użi domestiċi – użu industrijali	Il-kwantità ta' prodotti tal-għelejjel użati mill-industrija għall-produzzjoni ta' prodotti industrijali għajr dawk maħsuba għall-konsum mill-bniedem, eskluż l-kwantitajiet taż-żrieragħ żejtnin użati għat-tgħaffiġ għaż-żjut għall-konsum mill-bniedem.
Użi domestiċi – bijoetanol industrijali, użu ieħor ta' bijofjuwil jew bijogass	Il-kwantitajiet tal-prodotti tal-għelejjel użati mill-industrija għall-produzzjoni tal-bijoetanol jew bijofjuwils jew bijogass ieħor.
Użi domestiċi – użati sħaħ għall-għalf tal-annimali	Il-kwantitajiet ta' prodotti tal-għelejjel (mhux ipproċessati jew ipproċessati) użati għall-għalf dirett tal-annimali fir-razzett jew mill-industrija tal-għalf, eskluż l-prodotti sekondarji minn proċessi industrijali oħra (eż. pasta taż-żrieragħ żejtnin).
Użi domestiċi – żrieragħ	Il-kwantitajiet ta' żrieragħ użati għaż-żrigħ matul iċ-ċiklu ta' produzzjoni li jmiss.
Użi domestiċi – telf	Telf li jseħħ matul l-użu tal-prodotti tal-għelejjel għall-konsum mill-bniedem, għall-użu industrijali, għall-għalf tal-annimali u għaż-żrieragħ.
Użi domestiċi – tgħaffiġ	Il-kwantitajiet taż-żrieragħ żejtnin użati għat-tgħaffiġ (l-ipproċessar) sabiex jiġu prodotti żjut u pasta veġetali.
Tgħaffiġ għaż-żjut – konsum mill-bniedem	Il-kwantitajiet ta' żrieragħ żejtnin użati għat-tgħaffiġ (l-ipproċessar) sabiex jiġu prodotti żjut veġetali għall-konsum mill-bniedem, eskluż l-kwantitajiet użati għall-konsum mill-bniedem mingħajr tgħaffiġ.
Tgħaffiġ għaż-żjut - bijofjuwils	Il-kwantitajiet ta' żrieragħ żejtnin użati għat-tgħaffiġ (l-ipproċessar) sabiex jiġu prodotti żjut veġetali għal użi industrijali għall-bijofjuwils.
Tgħaffiġ għaż-żjut – użu industrijali ieħor	Il-kwantitajiet ta' żrieragħ żejtnin użati għat-tgħaffiġ (l-ipproċessar) sabiex jiġu prodotti żjut veġetali għal użi industrijali għajr għall-bijofjuwils.
Esportazzjonijiet intra-UE	Il-volum tal-esportazzjonijiet intra-UE tal-prodotti tal-għelejjel.
Esportazzjonijiet barra l-UE	Il-volum tal-esportazzjonijiet barra mill-UE tal-prodotti tal-għelejjel.

Artijiet bil-ħaxix u ragħi

Artijiet bil-ħaxix	Erjas agrikoli koperti b'mod predominanti minn pjanti tal-ħaxix, għat-tkabbir ta' għalf erbaċew, foraġġ jew għelejjel għal skopijiet ta' enerġija, irrispettivament mill-età.
Art bil-ħaxix permanenti ġestita	Art bil-ħaxix permanenti li hija ġestita b'mod regolari (mhux neċessarjament kull sena) permezz ta' żrigħ mill-ġdid, irrigazzjoni, fertilizzata, jew trattata bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala parti mill-pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul tal-azjendi agrikoli, inklużi erjas li ma għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-pagament tas-sussidji.
Art bil-ħaxix permanenti ffertilizzata	Art bil-ħaxix permanenti ġestita li hija ffertilizzata regolarment (mhux neċessarjament kull sena) b'fertilizzanti inorganiċi jew organiċi għajr il-ħmieġ ta' bhejjem li jirgħu bħala parti mill-pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul tar-razzett.
Siġar – kopertura tal-arbuxelli (fuq art bil-ħaxix)	Erjas ta' art bil-ħaxix b'kopertura tal-pjanti li tikkonsisti minn speċijiet ta' pjanti bi zkuk tal-injam (siġar u arbuxelli) esklużi l-erjas agroforestali u l-erjas fejn l-attivitajiet agrikoli u forestali jseħħu b'mod parallel (eż. montado u dehesas).
Erjas agroforestali ġestiti (fuq l-art bil-ħaxix)	L-agroforestrija hija tip partikolari ta' sistema u teknoloġija tal-użu tal-art fejn il-perenni tal-injam (siġar, arbuxelli, eċċ.) jintużaw deliberatament fl-istess unità tal-ġestjoni tal-art b'għelejjel agrikoli u/jew annimali. Jitqiesu biss iż-żoni agroforestali fuq l-artijiet bil-ħaxix. Il-preżenza ta' siġar u ta' arbuxelli li ma jappartjenux għal sistema agroforestali hija esklużа.

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 491/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 154, 17.6.2009, p. 1).